**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 ta' Ottubru, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**-vs-**

**Mark Saviour Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identità nru. 2020980P**

*Kumpilazzjoni* *Nru. 267/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mark Saviour Borg** u ċioe` talli:

> **Nhar il-31 ta' Marzu 2023 u fil-ġranet, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa San Ġiljan u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda;**

1. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abbiltajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' missieru u cioe' **Salvatore Borg** li għandu l-età` ta' 87 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati u liema reat twettaq ripetutament;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil missieru u cioe' **Salvatore Borg** li għandu l-età` ta' 87 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati, biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil missieru Salvatore Borg biża' u liema reat twettaq ripetutament;

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna lil missieru u cioe' **Salvatore Borg** li għandu l-età` ta' 87 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati, fastidju għal iktar minn darba, u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għal missieru Salvatore Borg;

4. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra Fil-Kodiċi Kriminali lil missieru u cioe' **Salvatore Borg** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mal-limiti tal-provokazzjoni,

5. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jiġu mibdula ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Mark Saviour Borg** a` benefiċċju ta' **Salvatore Borg** u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta.

   Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Salvatore Borg** kif jew sabiex tinżamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Mark Saviour Borg** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Mark Saviour Borg** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

   Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi **Mark Saviour Borg** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza miżmuma nhar l-1 t'April, 2023 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħata żmien xieraq sabiex jekk ried setgħa jerġa lura minnha anke billi issospendiet il-proċeduri sakemm ingħata żmien jikkonsulta mal-abbli difensur tiegħu.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessi.

**PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwaru, tal-fedina penali mtappna tal-imputat u taċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament ta' dak li ġie kkonstatat mill-Probation Officer li ħejja il-*Pre-Sentencing Report.*

Il-konklużjonijiet li wasslet għalihom il-Psikjatra Dr. Claire Axiaq ukoll eġew meħuda in konsiderazzjoni. Mill-*pre-sentecing report* ġie rakkomandat li kwalunkwe sentenza li tingħata għandha, għall-ġid tal-imputat ma tkunx ta' anqas minn sentejn u dan sabiex l-istess imputat ikun f'pożizzjoni li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzji Korrettivi.[1]

Ġie kunsidrat li l-imputat hu reċidiv filwaqt li ittieħed kont li ammetta għall-iżball tiegħu. Il-Qorti semgħet lill-imputat jiddikjara mingħajr tlaqliq kemm hu dispjaċut għall-għemil insensat tiegħu fil-passat. Għemil xprunat mill-vizzju u mill-kilba għad-droga.

---

[1] Fol.77

Il-Qorti kellha l-opportunita sabiħa, għax le, li tara it-trasformazzjoni li għamel l-imputat tul l-inkarċerazzjoni preventiva minn tiegħu. Fl-ewwel dehra tiegħu kien bniedem arroganti, irraxxibili, mingħajr l-ebda sudizzjoni lejn l-uffiċjal prosekutur, l-avukat difensur u saħansitra il-Qorti. Illum hu kalm, seren, jitbissem u jkompli konversazzjoni fejn hu konsapevoli mill-żbalji tal-passat u lest jieħu l-ħaqq bit-tama li jibda tassew kapitolu ġdid f'ħajtu.

Dan kollu l-Qorti qisietu, iżda daqstant ieħor trid tikkunsidra w tinforza l-pieni onerużi kontemplati għar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija fl-imputat. Il-Leġislatur ha ħsieb li jkun tarka kontra l-vittimizzar tal-batut u l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. F'dan il-każ l-vittma hu missier tal-età ta' 87 sena. Ċirkostanza li għandha ġġib ħniena u mhux sfruttament.

F'dan il-każ isib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 50 u l-artikolu 202[2], 222(1)(a)[3] 208AĊ(2)[4] tal-Kodiċi.

Mingħajr l-applikazzjoni tal-aggravji kontemplati bil-liġi ai termini tal-imsemmija artikoli, l-piena għall-<u>ewwel imputazzjoni</u> hi dik ta' tmintax il-xahar sa ħames snin.

Bl-aggravju relatat biss mal-fatt li l-vittma kienet persuna vulnerabbli w axxendent tal-imputat, l-inqas piena tikkontempla terminu ta' priġunerija minima ta' sentejn.

Imbghad ġie konsiderat li bejn l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati fejn l-iktar piena gravi tkun dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni, l-artikolu 251(2) tal-Kodiċi Kriminali li fis-subartikolu (2) tiegħu jirrendi applikabbli l-piena ravviżata bl-artikolu 250(2) tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma jistax jintesa li l-imputat hu reċidiv u dan l-għemil kien wieħed ta' natura kontinwa. Għal kull buon fini jiġi iċċarat li l-artikolu 251 imkien ma jirreferi għall-ħtieġa tar-rekwiżit t'imġieba u għaldaqstant qed jittieħed kont li l-għemil kontemplat b'dak l-artikolu kien wieħed kontinwat; altrimenti kien ikun kontrosens li jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-artikolu 18 meta d-dispożizzjoni rilevanti ġa minnha nfisha tikkontempla imġieba jew aħjar *course of conduct* fejn l-għemil kontinwat hu preżunt.

**DECIDE**

[2] Li ssir riferenza għalih bl-artikolu 251HA tal-Kodiċi Kriminali

[3] Li jipprovdi għall-aggravju bejn grad sa tnejn f'każ ta' reat kontemplat bl-artikolu 251 tal-Kodiċi Kriminali

[4] Li ssir riferenza għalih bl-artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 49, 50, 202(h)(iii)(v)(j), 208AC, 222 (1)(a), 222A, 251(1)(2)[5], 251A (1)(a)(b), 251B(1), 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal piena ta' **priġunerija ta' tlett (3) snin** li minnhom irid jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Tul dan iż-żmien l-imputat għandu jkompli jsegwi programm ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D anness ma din is-sentenza għal żmien tlett (3) snin. Fil-kors ta' dan l-ordni l-imputat għandu jingħata kura psikoloġika u psikjatrika kif rakkomandat mill-Uffiċjal tal-Probation kif ukoll ikompli jindirizza il-vizzju tad-droga.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Salvatore Borg għal żmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[5] Li jirreferi għall-piena kontemplata bl-artikolu 250(2) tal-Kodiċi Kriminali